2025/2558

16.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2558

tal-15 ta' Diċembru 2025

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 47 u 47a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) F'konformità mal-Artikolu 47a(1) tar-Regolament (UE) 2017/1509, il-Kunsill irrieżamina l-listi ta' persuni, entitajiet, korpi u bastimenti dežinjati li jinsabu fl-Annessi XV, XVI, XVII u XVIII ta' dak ir-Regolament.

(3) Jenħtieġ li l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet fil-listi li jinsabu fl-Annessi XV u XVI tar-Regolament (UE) 2017/1509 jinżammu. Jenħtieġ li l-entrati għal persuna waħda u tliet entitajiet f'dawk l-Annessi jiġu aġġornati.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi XV u XVI tar-Regolament (UE) 2017/1509 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1509/oj.

ANNESS

Ir-Regolament (UE) 2017/1509 huwa kif ġej:

(1) L-Anness XV huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura "(a) Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)", l-entrata 10 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
"10.	HONG Sung-Mu 홍승무	HONG Sung Mu	Data tat-twelid: 1.1.1942 Sess: raġel	20.5.2016	Viċi Direttur tal-Munitions Industry Department (MID). Il-MID – dežinjat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fit-2 ta' Marzu 2016 – huwa involut f'aspetti ewlenin tal-programm tal-missili tar-RDPK. Il-MID huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-iżvilupp tal-missili ballistiċi tar-RDPK, inkluż il-programmi ta' riċerka u żvilupp. Bħala tali, Hong huwa responsabbli għal programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Kien xhud għall-illanċjar tal-missila ballistika interkontinentali Hwasong-15 fit-28 ta' Novembru 2017. F'Lulju 2020 ipparteċipa f'laqgħa tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea ddedikata għad-'deterrenza mill-gwerra', ewfemiżmu użat biex jirreferi għall-programm nukleari tar-RDPK. Ġie rielett għall-Kumitat Ċentrali tal-Partit f'Jannar 2021. F'Marzu 2023, ġie fotografat ma' Kim Jong Un waqt li kien qed jispezzjona l-allegati testati nukleari lesti għall-immuntar fuq missili ballistiċi, u f'Settembru 2024, ġie fotografat ma' Kim Jong Un li kien qed jispezzjona faċilità ta' arrikkiment tal-uranju tar-RDPK."

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2558/oj

(b) taħt l-intestatura "(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)", l-entrata 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Lokalità	Data tad-deżinjazzjoni	Informazzjoni oħra
"4.	Yongbyon Nuclear Scientific Research Centre 녕변 원자력 연구소 영변 원자력 연구소			22.12.2009	Faċilitajiet li kapaċi jipproduċu materjal fissili għal użi militari, inkluż reattur ta' 5MW (e), faċilità ta' riproċessar tal-plutonju (laboratorju radjukimiku), Reattur li juża l-Ilma Ordinarju (LWR) u faċilità rappurtata għall-arrikkiment tal-uranju. Iċ-Ċentru jiddependi mill-General Bureau of Atomic Energy (entità ddeżinjata mill-KSNU, 16.7.2009). F'Ġunju 2024, l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) ddikjarat li kienet osservat l-iskariku intermittenti tal-ilma mis-sistema tat-tkessiħ tal-LWR f'Yongbyon minn Diċembru 2023, li huwa konsistenti mal-operat tal-LWR. L-IAEA sabet ukoll indikazzjonijiet kontinwi tat-tħaddim tar-reattur ta' 5 MW (e) u tal-faċilità ta' arrikkiment taċ-ċentrifugi rrappurtata. Fir-rapport tiegħu ta' Marzu 2024, il-Bord ta' Esperti tan-NU identifika wkoll attività sinifikanti li għadha għaddejja f'Yongbyon. L-immaġnijiet bis-satellita li ttieħdu matul l-2025 ikkonfermaw it-tkomplija tal-operazzjonijiet u t-tlestija ta' diversi proġetti ġodda ta' kostruzzjoni."

(2) Fl-Anness XVI, taħt l-intestatura "B. Entitajiet", l-entrati 3 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem (u prewdonimi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
"3.	Maritime Administrative Bureau magħruf ukoll bħala Maritime Administration of DPR Korea magħruf ukoll bħala DPRK National Maritime Supervision Bureau 조선민주주의인민공화국 국가해사감독국	Indirizz: Ryonhwa-2Dong, Central District, Pyongyang, DPRK PO Box 416 Telefown: 850-2-18111 Ex 8059 Fax 850 2 381 4410 Posta elettronika: mab@silibank.net.kp Sit web: www.ma.gov.kp	16.10.2017	Il-Maritime Administrative Bureau għen fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti inkluż permezz tal-għoti ta' isem ġdid u tar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' assi ta' entitajiet elenkati u billi pprovda dokumentazzjoni falza għall-bastimenti soġġetti għal sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti.
8.	Korea Paekho Trading Corporation (Magħrufa wkoll bħala: Joson Paekho Muyok Hoesa) 조선백호무역회사	Indirizz: Chongryu 3-dong, Taedonggang District, Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea	21.4.2022	Paekho Trading Corporation hija kumpanija tal-arti involuta fil-bini ta' statwi barra mill-pajjiż, fl-esportazzjoni ta' statwi artistiċi prodotti minn Paekho Art Studio, u tiffaċilita x-xogħol illeċitu u l-aċċess għal sistemi finanzjarji internazzjonali. Hija tiffoka speċifikament fuq għotjiet u self għall-iżvilupp, kif ukoll investiment dirett barrani allokat għal proġetti muniċipali. B'hekk, hija involuta fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. F'Lulju 2024, il-kumpanija dehret tipparteċipa f'fiera kummerċjali ta' prodotti tar-RDPK fi Vladivostok, ir-Russja, u f'Novembru 2024, dehret tipparteċipa fis-16-il Fiera Kummerċjali Internazzjonali tal-Ħarifa ta' Pyongyang."

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2558/oj